Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Talba Numru. 433/2004

**Emanuel Mercieca
Vs**

**Alexander sive Alex Cassar u martu Josephine sive Josette Blundell**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm1500 (elf u hames mitt lira Maltin) dovuti ghal self skond skrittura privata datata 28 ta’ Ottubru 1997.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 23 ta’ Jannar 2004 u bl-interessi kif mitluba kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-8 ta’ Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-5 ta’ April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------